ĠARR TA' FLUS



Dawn huwa tip ta' ħasil ta' flus

Kurrier tal-flus huwa xi ħadd li jirċievi ħlas biex jgħaddi flejjes minn persuna għal oħra.

OQGĦOD ATTENT GĦAL:

- Opportunitajiet mhux mitluba joffrulek flus faċli.
- Riklami ta' kumpaniji barranin li qed ifittxu "aġenti lokali" biex jaġixxu f' isimhom.
- Żbalji fil-grammatika u l-ortografija.
- Indirizzi tal-imejl miġjuba minn servizzi bla ħlas (eż: Gmail, Yahoo!, Hotmail, eċċ) li ma jaqbilx mal-isem tal-kumpanija.
- Nuqqas ta' dettalji dwar kwalifiċi u esperjenza meħtieġa għal dan ix- xogħol.
- Kuntatt u transazzjonijet isiru kollha onlajn.
- L-informazzjoni dwar x' jinvolvi x-xogħol tkun tinkludi t-trasferiment ta' flejjes permezz tal-kont bankarju tiegħek.

Il-kriminali jingaġġaw kurriera ta' flus b' metodi differenti:

- Kuntatt dirett personalment jew b' imejl
- Messaġġi (eż: Whatsapp, Viber, Telegram).
- Midja Soċjali (eż: Facebook, Instagram, Snapchat)
- Riklami Onlajn

! Sabiex l-opportunità tkun tidher awtentika, il-kriminali jikkupjaw siti ġenwini b' dettalji simili.

L-iktar nies komuni li jiġu avviċinati huma:

- Persuni taħt il-ħamsa u tletin sena, inkluż minuri.
- Dawk li jkunu għadhom ġodda fil-pajjiż.
- Persuni qiegħda, studenti u nies b' diffikultajiet finanzjarji.

IPPREVJENI BILLI:

- Tfittex fuq il-kumpanija u l-persuna li qed toffrilek xogħol.
- Ma tagħtix dettalji dwar il-kont bankarju tiegħek lil persuni li ma tafx u ma tafdax.
- Tirrifjuta opportunatijiet għal flus faċli. Jekk tinstema' opprotunità tajba wisq, probabbli hija qarrieqa.

X' tista' tagħmel?

Jekk taħseb li inti involut fi skema ta' ġarr ta' flus, waqqaf it-trasferiment ta' flejjes minnufih.
Avża lill-bank u lill-Pulizija minnufih.

#IġġorxFlusGħalĦaddieħor

EUROPOL EC3 European Cybercrime Centre

EUROJUST

EBF European Banking Federation

Malta Bankers' Association

Tkunx Kurrier tal-Flus!

Jekk xi ħadd joffrilek ħlas biex jgħaddi flejjes mill-kont bankarju tiegħek, qed jistaqsik biex tkun kurrier tal-flus.

Il-ġarr tal-flus huwa illegali.
Il- konsegwenzi għalik jistgħu jkunu serji.



Flus faċli mingħajr sforz?

Opportunità tajba wisq!

- Xi ħadd li ma tafx javviċinak u joffrilek ħlas biex tgħaddi flejjes mill-kont bankarju tiegħek.
- L-opportunità ppreżentata lilek hija mingħajr riskji.
- Tingħata informazzjoni dwar xi trid tagħmel u kemm qalgħu flus persuni oħra li għamlu l-istess ħaġa.
- Tiġi mitlub, għal raġunijiet differenti, sabiex tagħtihom dettalji tal-kont bankarju tiegħek jew biex tiftaħ wieħed ġdid.
- Inti tkun qed tgħin kriminali jibqgħu anonimi filwaqt li qed imexxu flus illegali madwar id-dinja.

Ma jaqbillekx

- Tista' tkun attakkat fiżikament u mhedded jekk ma tkunx trid tkompli tgħin lil dawn il-kriminali.
- Jista' jkollok diffikultajiet biex tirċievi benefiċċji soċjali fil-futur.
- Tista' teħel piena ta' ħabs, multa jew servizz fil-komunità.
- Il-kont bankarju tiegħek jista jingħalaq u ma titħalliex tiftaħ ieħor.

Tgħinx lill-kriminali

- Qatt tiftaħ kont bankarju fuq talba ta' xi ħadd li għadek kemm iltqajt miegħu.
- Qatt tagħti d- dettalji bankarji lil persuni li ma tafx u ma tafdax.
- Oqgħod attent meta tirċievi offerti biex tagħmel flus faċli. Jekk hija opportunità tajba wisq biex tkun reali, probabbli hjia qarrieqa.

Taħseb li tista tkun involut fil- ġarr tal- flus?

Waqqaf it- trasferiment ta' flejjes minnufih.
Avża lill-bank u lill-Pulizija minnufih.

EUROPOL EC3 European Cybercrime Centre

EUROJUST

EBF European Banking Federation

MBA Malta Bankers' Association

#IġġorxFlusGħalĦaddieħor

Jekk xi ħadd joffrilek ħlas biex jgħaddi flejjes mill-kont bankarju tiegħek, qed jistaqsik biex tkun kurrier tal-flus.

Il-konsegwenzi għalik jistgħu jkunu serji.

Kurrier tal-flus huwa xi ħadd li jirċievi ħlas biex jgħaddi flejjes minn persuna għal oħra.

Il-kriminali jistgħu jagħmlu kuntatt miegħek permezz ta':

- midja Soċjali (eż: Facebook, Instagram, Snapchat).
- messaġġi (eż: Whatsapp, Viber, Telegram).
- offerti ta' xogħol qarrieqa (eż: "aġenti għat-trasferiment ta' flejjes").
- riklami Onlajn.
- kuntatt dirett personalment jew b' imejl.

MA JAQBILLEKX

Tista' tkun attakkat fiżikament u mhedded jekk ma tkunx trid tkompli tgħin lil dawn il-kriminali

Jista' jkollok diffikultajiet 'il quddiem biex tingħata self.

Il-kont bankarju tiegħek jista' jingħalaq u ma titħalliex tiftaħ ieħor.

Tista' teħel piena ta' ħabs, multa jew servizz fil-komunità.

Flus faċli mingħajr sforz?

Opportunità tajba wisq!

Xi ħadd li ma tafx javviċinak u joffrilek ħlas biex tgħaddi flejjes mill-kont bankarju tiegħek.

Tingħata informazzjoni dwar xi trid tagħmel u kemm qalgħu flus persuni oħra li għamlu l-istess ħaġa.

L-opportunità ppreżentata lilek hija mingħajr riskji.

Tintalab li tagħti dettalji tal-kont bankarju tiegħek.

Tiġi offrut ħlas żejjed jekk jirnexxilek issib kurriera tal-flus oħra.

Tkunx parti mill-katina ta' ħasil ta' flus

Qatt tagħti d-dettalji bankarji lil persuni li ma tafx u ma tafdax.

Tagħtix dettalji dwar il-kontijiet onlajn jew kards tiegħek (eż: PIN, Numru CVV).

Kun suspettuż meta jkollok offerti fejn il-komunikazzjoni u transazzjonijiet isiru kompletament onlajn.

Oqgħod attent meta tirċievi offerti biex tagħmel flus faċli.

Fittex dwar kumpaniji u individwu li qed joffrulek xogħol.

Ġarr tal-flus = Ħasil ta' flus

Kurrier tal-flus jgħin kriminali jibqgħu anonimi filwaqt li qed jaħslu flus li ġabu minn attivitajiet illegali.

Taħseb li tista' tkun involut fil-ġarr tal-flus?

Waqqaf it-trasferiment ta' flejjes minnufih. Avża lill-bank u lill-Pulizija minnufih. Jekk il- komunikazzjoni kienet permezz tal-midja soċjali, irrapporta l-profil lill-amministratturi tas-sit ukoll.

Taħseb li xi ħadd li taf jista' jkun involut fil-ġarr ta' flus?

Avżahom dwar il-konsegwenzi. Ħeġġiġhom biex jieqfu u sabiex jirrappurtaw lill-Pulizija minnufih.

EUROPOL
EC3 European Cybercrime Centre

EUROJUST

EBF European Banking Federation

MBA Malta Bankers' Association